Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 795/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**NOEL AQUILINA**

**Illum 9 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Noel Aquilina ta' 27 sena, bin Mario u Michaelina nee' Bajada imwieled fil-Pieta' fit-23 ta' Dicembru, 1975, u li joqghod 62, Triq id-Dejma, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 40976(M);

Talli fl-24 ta' Mejju, 2002, ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu mill-fond bl-isem "Wingapo" sitwat fi Triq il-Hamrija, M'Scala, kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, flus kontanti, apparat tal-hi fi u hwejjeg ohra ghad-dannu tal-konjugi Francis u Louise Xuereb minn M'Scala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-lok;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jwe gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Francis u Louise Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar lira maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50);

Talli fit-30 ta' Mejju, 2002, u/jew fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-lok;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, ikkommetta reat ta' serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal tlett snin datata 19 ta' Ottubru, 2000 li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta'

Malta li gew imposti fuqu mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona LL.D., datata 19 ta' Lulju 2000.

Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara illi rat l-Artikoli 261, 263, 328, 273, 41, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi, wara illi din il-Qorti rat il-pre sentencing report, tal-probation officer, temmen illi piena karcerarja hija imperattiva.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li qed issib lill-imputat Noel Aquilina hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, qeghda tibghatu ghal terminu ta' sentejn (2) prigunerija, li minnhom ghandhu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest, in konnessjoni ma' dan ir-reat.

Din il-Qorti qeghda wkoll tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sabiex l-imputat jintbghat programm residenzjali ghal rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------